MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2006

Numru 721/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Jesmond J. Borg)**
**vs**
**Nicholas Axisa**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Nicholas Axisa** ta' 23 sena, bin John u Josephine nee' Zammit, imwieled Fgura fl-1 ta' Novembru, 1982, residenti 131 'Jonnick', Triq il-Karmnu, Fgura u detentur tal-passaport Libjan bin-numru 601182(M);

1. Talli fid-19 ta' Lulju, 2005 u fil-granet ta' qabel gewwa Haz-Zebbug, approprijajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor u cioe' flus li huma propjeta' ta' FFF Services Ltd, li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn mitt lira Maltin izda inqas minn elf lira Maltin, li kienu gew fdati jew

ikkunsinnati like taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnhom specifikat, skond l-Art. 293, 310 (1b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. Aktar talli fl-istess data f’dawn il-gzejjer sew jekk f’Malta jew barra minn Malta xjentement lqajt ghandek hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, jew xjentement b’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom skond l-Art. 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ kundanna tapplika l-provediment li hemm fl-Art. 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kaz kontra l-imputat ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja u n-nuqqas ta’ oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat u ghalhekk l-ewwel (1) akkuza tirrizulta pruvata.

Semghet id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni li t-tieni (2) akkuza hija alternattiva ghall-ewwel (1) akkuza, ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghha.

Rat l-artikoli 293, 310 (1b) tal-Kap 9.

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat.

Wara li staqsiet lill-imputat jekk kienx dispost li joqghod taht kundizzjoni jekk ikun liberat, u huwa wiegeb fl-affermattiv.

Tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-art 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------